IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2020
COM(2020) 184 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI

## Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

{SWD(2020) 73 final} - {SWD(2020) 74 final} - {SWD(2020) 75 final} - {SWD(2020) 76 final} - {SWD(2020) 77 final} - {SWD(2020) 78 final}

# Daħla

Biex tilħaq l-għanijiet tagħha, l-Unjoni Ewropea tappoġġja qasam wiesa' ta' oqsma ta' politika permezz ta' firxa ta' programmi ta' finanzjament. Il-programmi jipprovdu għotjiet u forom oħra ta' finanzjament għall-Istati Membri, negozji, riċerkaturi, organizzazzjonijiet mhux governattivi u oħrajn. Skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, il-Kummissjoni hija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit. Skont l-Artikolu 62 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit direttament, skont ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri jew inkella indirettament billi tafda xi kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit lil partijiet terzi (li jistgħu jkunu pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet fl-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, entitajiet ta' sħubija pubblika-privata).

Fil-każ ta' programmi mmaniġġjati direttament, il-Kummissjoni fl-2003 kienet iddeċidiet li jkun xieraq li l-immaniġġjar ta' ċerti kompiti fl-implimentazzjoni ta' xi programmi jiġi ddelegat lil xi aġenziji eżekuttivi, filwaqt li l-Kummissjoni titħalla tikkonċentra fuq il-kompiti ċentrali tagħha. L-aġenziji nħolqu[1] biex ikunu entitajiet speċjalizzati fit-twettiq ta' xi kompiti speċifiċi tul il-ħajja ta' xi proġett partikolari, filwaqt li jimplimentaw il-baġit u jipprovdu informazzjoni rilevanti lil dawk li jfasslu l-politika. L-aġenziji eżekuttivi huma entitajiet awtonomi taħt is-supervizjoni tal-Kummissjoni.

Biex jilħqu l-għanijiet tagħhom, l-aġenziji jeżegwixxu proċeduri ta' għoti u akkwist pubbliku, jimmaniġġjaw kuntratti, u jimplimentaw dawk il-proċeduri baġitarji li jkunu meħtieġa. Barra minn hekk, l-aġenziji jipprovdu appoġġ fl-implimentazzjoni tal-programmi, bħall-ġbir, l-ipproċessar u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm. Dawn jissorveljaw il-progress u l-impatt tal-proġetti. Dawn jinformaw lill-applikanti potenzjali dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u jappoġġjaw lill-applikanti u lill-benefiċjarji fl-applikazzjoni tal-proċeduri. Dawn jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, ir-riżultati u l-impatti tal-proġetti. L-esternalizzazzjoni tal-kompiti ta' mmaniġġjar jenħtieġ madanakollu li tibqa' fi ħdan il-limiti stabbiliti mis-sistema istituzzjonali kif stabbilit fit-Trattat. Dan ifisser li jenħtieġ li l-kompiti assenjat lill-istituzzjonijiet mit-Trattat, li jkunu jitolbu setgħat diskrezzjonarji fil-konverzjoni ta' għażliet politiċi f'azzjoni ma jiġux esternalizzati. Barra minn dan, jenħtieġ li l-esternalizzazzjoni, tkun suġġetta għal analiżi tal-kosti u tal-benefiċċji.

Attwalment sitt aġenziji eżekuttivi jimmaniġġjaw programmi ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, iċ-ċittadinanza, il-kultura, l-ambjent, l-azzjoni klimatika, it-trasport, l-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet, l-agrikoltura, l-ikel, is-saħħa, il-konsumaturi, il-kompetittività u n-negozji żgħar u ta' daqs medju.

| **Aġenzija Eżekuttiva** | **Numru ta' persunal (sors: il-baġits annwali)** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (CHAFEA) | 50 | 51 | 60 | 65 | 71 | 76 | 79 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) | 308 | 394 | 437 | 447 | 462 | 489 | 506 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) | 162 | 197 | 247 | 267 | 293 | 302 | 313 |

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, is-16 ta' Jannar 2003, paġna 1).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) | 436 | 441 | 442 | 442 | 442 | 438 | 438 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) | 580 | 630 | 649 | 670 | 730 | 745 | 785 |
| L-Aġenzija Eżekuttiva taċ-Ċentru Ewropew għar-Riċerka (ERCEA) | 389 | 413 | 447 | 468 | 484 | 508 | 529 |
| *TOTAL* | **1 925** | **2 126** | **2 282** | **2 359** | **2 463** | **2558** | **2650** |

Qabel ma esternalizzat il-kompiti lil dawn l-aġenziji eżekuttivi, il-Kummissjoni wettqet analiżi minn qabel tal-kostijiet u l-benefiċċji (ex ante). F'din l-analiżi, din qieset diversi aspetti: (1) il-kosti tal-koordinazzjoni u l-kontrolli; (2) l-impatt fuq ir-riżorsi umani; (3) l-effiċjenza u l-flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta' kompiti esternalizzati; (4) is-simplifikazzjoni tal-proċeduri użati; (5) il-prossimità tal-attivitajiet esternalizzati fir-rigward tal-benefiċjarji finali; (6) il-viżibbiltà tal-UE bħala promotur tal-programm tal-UE kkonċernat; u (7) il-ħtieġa li jinżamm livell xieraq ta' għarfien espert fil-Kummissjoni[2].

Skont l-analiżi tal-kosti u l-benefiċċji li twettqet fl-2013, id-delega ta' ċerti kompiti relatati mal-ġestjoni tal-programmi lill-aġenziji ġiet ivvalutata li hija aktar kosteffikaċi milli kieku l-attivitajiet jinżammu internament. Din antiċipat li l-allinjament ta' portafolli ta' programmi aktar koerenti mal-kompetenzi ewlenin tal-aġenziji u l-identitajiet tal-marki tagħhom iġib benefiċċji kwalitattivi. Barra minn hekk, din ipprojettat li jekk l-immaniġġjar ta' programmi differenti tal-UE tinġieb flimkien, din twassal għal sinerġiji, simplifikazzjoni u l-kisba ta' ekonomiji ta' skala.

Biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-aġenziji, ġew stabbiliti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u dawn jiġu mmonitorjati kontinwament. Tliet snin wara l-ħolqien ta' kull aġenzija[3] u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk kull aġenzija taħdimx sew. Din tivvaluta jekk ikunux intlaqu r-riżultati antiċipati mill-analiżi ex ante tal-kosti u l-benefiċċji. Abbażi ta' dan, hija tista' tidentifika oqsma ta' fejn jista' jsir titjib u possibbilment tirrevedi l-ambitu tal-kompiti li hija tiddelega.

Fl-2018/2019, il-Kummissjoni evalwat il-prestazzjoni tas-sitt aġenziji eżekuttivi kollha fuq bażi individwali[4]. L-evalwazzjonijiet kollha kienu appoġġjati minn studji esterni[5] li segwew l-istess

[2] Analiżi tal-kosti u l-benefiċċji tad-delega lill-aġenziji eżekuttivi ta' ċerti kompiti marbutin mal-implimentazzjoni ta' Programmi tal-Unjoni 2014-2020 — Ir-Rapport Finali lill-Kummissjoni tad-19 ta' Awwissu 2013.

[3] L-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 58/2003.

[4] Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, L-Agrikoltura u l-Ikel (CHAFEA), SWD(2020) 75;
Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME), SWD(2020) 76;
Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA), SWD(2020) 73;
Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA), SWD(2020) 78;
Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA), SWD(2020) 77;
Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva taċ-Ċentru Ewropew għar-Riċerka (ERCEA), SWD(2020) 74.

[5] Studju li jappoġġja l-evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (CHAFEA) 2014-2016, l-Istitut tal-Politika Pubblika u t-Tmexxija (PPMI), iċ-Ċentru għas-Servizzi ta' Strateġija u ta' Evalwazzjoni (CSES) u l-Università ta' Maastricht;
Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (EASME) 2014-2016, Valdani Vicari & Associati u Deloitte;
Studju li jappoġġja l-Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) 2014-2016, iċ-Ċentru għas-Servizzi ta' Strateġija u Evalwazzjoni (CSES), l-Istitut tal-Politika Pubblika u l-Ġestjoni (PPMI) u ċ-Ċentru għall-Istudji Industrijali (CSIL);
Studju li jappoġġja l-evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) 2015-2017, l-Istitut tal-Politika Pubblika u l-Ġestjoni (PPMI);

metodoloġija u li kienu japplikaw il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni[6]. L-evalwazzjonijiet ivvalutaw jekk l-aġenziji kinux issodisfaw il-kompiti tagħhom b'mod effikaċi u effiċjenti, jekk kienx hemm koinċidenzi, lakuni jew inkonsistenzi fl-immaniġġjar tal-portafoll tal-programmi mill-aġenziji, u jekk kienx hemm delineazzjoni ċara tal-kompiti bejn kull aġenzija u d-DĠs li jiddependu minnhom, jew aġenziji eżekuttivi oħra[7]. L-evalwazzjonijiet jinkludu analiżi retrospettiva tal-kosti u l-benefiċċji li tqabbel il-prestazzjoni attwali matul il-perjodu ta' evalwazzjoni ta' tliet snin mal-prestazzjoni mistennija fl-analiżi ex ante tal-kosti u l-benefiċċji.

L-evalwazzjonijiet individwali jkopru mill-2014 sal-2016 għas-CHAFEA, l-INEA u l-EASME, mill-2015 sal-2017 għall-EACEA u min-nofs l-2015 sa nofs l-2018 għall-ERCEA u l-REA. Il-perjodu tal-evalwazzjoni jvarja minħabba li l-aġenziji nħolqu fi żminijiet differenti.

# Riżultati

B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet urew li s-sitt aġenziji eżekuttivi kienu effettivi u effiċjenti matul il-perjodu analizzat. Huma laħqu l-objettivi tagħhom u l-maġġoranza l-kbira tal-miri fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħhom. Dawn rnexxielhom ilaħħqu ma' ambjent li joffri sfida, inklużi mandati ġodda, bidliet fil-portafoll, bidliet fl-istruttura organizzattiva u bidliet fil-governanza tagħhom kif ukoll perjodi ta' ammont eċċessiv ta' xogħol flimkien ma' restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi umani. Il-partijiet ikkonċernati ġew intervistati u b'mod ġenerali taw valutazzjoni pożittiva ħafna tar-relazzjoni bejn l-aġenziji eżekuttivi u d-dipartimenti tal-Kummissjoni, li jippermettu lill-Kummissjoni tikkonċentra fuq il-kompiti ewlenin tagħha u tibqa' informata dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programmi. Il-benefiċjarji u l-esperti li jaħdmu mal-aġenziji vvalutaw l-aġenziji b'mod pożittiv ħafna u b'mod ġenerali l-persunal fl-aġenziji kellhom fehma pożittiva dwar l-aġenziji bħala impjegaturi.

Flimkien ma' din l-istampa ġenerali pożittiva, l-evalwazzjonijiet individwali identifikaw għadd ta' sfidi u nuqqasijiet relatati. Dawn l-isfidi jinkludu: (1) il-kisba tal-objettivi tagħhom; (2) il-fatt li xi aġenziji jimmaniġġjaw partijiet mill-istess programm; (3) id-diversità tal-portafolli tal-programmi; (4) ir-relazzjoni mad-DĠ li minnhom jiddependu; (5) ir-relazzjoni mal-benefiċjarji; (6) il-kosteffettività; (7) l-immaniġġjar tar-riżorsi umani; u (8) il-bidla tal-mandat. Dawn it-tmien sfidi huma diskussi fid-dettall fil-kapitli li ġejjin. Il-Kummissjoni se tqis it-tagħlimiet li nkisbu meta tkun qed tħejji biex tiddelega kompiti lill-aġenziji eżekuttivi fil-programmi taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.

## 1. Riżultati tajbin għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (kważi) kollha

B'mod ġenerali, is-sitt aġenziji eżekuttivi mexxew il-programmi delegati b'mod effiċjenti u kisbu riżultati tajbin ħafna għall-maġġoranza tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni[8]. L-indikaturi għall-

---

Studju li jappoġġja l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) 2015-2018, l-Istitut tal-Politika Pubblika u l-Ġestjoni (PPMI), iċ-Ċentru għas-Servizzi tal-Istrateġija u l-Evalwazzjoni (CSES) u IDEA Consult;
Studju li jappoġġja l-evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA) 2015-2018, iċ-Ċentru għas-Servizzi ta' Strateġija u ta' Evalwazzjoni (CSES) u l-Istitut għall-Politika Pubblika u l-Ġestjoni (PPMI).

[6] Linji Gwida SWD: https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-guidelines_en
Sett ta' għodod: https://ec.europa.eu/info/better-regulation-toolbox_en

[7] Il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-regolamentazzjoni aħjar ġew applikati b'mod proporzjonat. Ma kienx hemm bżonn li jiġu evalwati l-kriterji tal-"valur miżjud tal-UE" u tar-"rilevanza" peress li l-aġenziji jwettqu kompiti li l-leġiżlatur tal-UE kien għadda lill-Kummissjoni.

[8] B'mod parallel mal-evalwazzjonijiet, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għamlet awditu dwar il-prestazzjoni tal-INEA fl-implimentazzjoni tal-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropea (ir-Rapport Speċjali Nru 19/2019 tas-7 ta' Novembru 2019 "L-INEA: il-benefiċċji twasslu iżda n- nuqqasijiet tal-FNE għad iridu jiġu indirizzat"). Għar-rigward tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-INEA, il-Qorti rrikonoxxiet li l-INEA ssodisfat il-miri iżda rrakkomandat li jiġu stabbiliti għanijiet u indikaturi aktar orjentati lejn ir-riżultati bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-futur. Fit-tweġiba tagħha għar-rapport tal-Qorti l-Kummissjoni ressqet l-argument li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-INEA huma adegwati biex titkejjel il-prestazzjoni tal-INEA skont il-

aġenziji eżekuttivi huma marbuta mal-ġestjoni finanzjarja, b'mod partikolari mal-evalwazzjoni f'waqtha u l-finalizzazzjoni tal-għotjiet — iż-żmien għall-għoti tal-informazzjoni, iż-żmien għall-kuntratt, iż-żmien għall-għotja u l-eżekuzzjoni f'waqtha tal-ħlasijiet. Xi aġenziji laħqu b'mod konsistenti l-miri kollha tagħhom, jew il-maġġoranza tagħhom, għall-evalwazzjoni f'waqtha, għall-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-għotjiet u għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet — l-REA, l-ERCEA, l-EACEA, is-CHAFEA — jew saħansitra qabżuhom — iż-żmien għall-ħlas fl-INEA. Ftit biss ma laħqux uħud mill-miri tagħhom — l-EASME fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u l-INEA fir-rigward taż-żmien għall-ħlas għal programm wieħed mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti matul sena waħda (2015). Kull sena, diversi aġenziji waslu wkoll biex wettqu l-eżekuzzjoni sħiħa tal-baġit operattiv tagħhom — l-REA, l-ERCEA. Dan it-trattament effiċjenti tal-ġestjoni finanzjarja jista' jħalli lok għal miri aktar ambizzjużi fir-rigward ta' xi indikaturi.

Fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, ir-rati ta' żball tal-programmi 2014-2020 huma meqjusa aħjar minn dawk tal-ġenerazzjoni preċedenti ta' programmi (2007-2013). Madankollu, l-aġenziji għadhom qed imexxu proġetti mill-programmi 2007-2013 u għalhekk, matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, tliet aġenziji — l-REA, l-EASME u l-EACEA — kien għad għandhom riżervi fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom għal rati ta' żball li jaqbżu l-limitu ta' materjalità ta' 2 % għall-programmi 2007-2013. Din hija kwistjoni ta' legat li ftit ftit se tispiċċa meta l-proġetti kollha ta' dawk il-programmi jkunu ngħalqu[9]. Programm wieħed biss tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali — il-programm għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, COSME — kellu rata għolja temporanja ta' żball li kienet tirrikjedi riżerva mill-Aġenzija fl-2018 — l-EASME. L-Aġenzija stabbiliet miżuri korrettivi li wasslu għal titjieb fis-sitwazzjoni u mill-2019, ir-riżerva tneħħiet.

L-evalwazzjonijiet identifikaw titjib fl-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u fi proċeduri bħala fatturi ewlenin li kkontribwew għat-titjib fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-aġenziji. Billi ġabet għodod ġodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni, is-CHAFEA tejbet l-effiċjenza operattiva kif ukoll ipprovdiet eżekuzzjoni aħjar tal-kompiti taħt is-sistemi tagħha għall-ġestjoni tal-proġetti. Simplifikazzjonijiet amministrattivi — bidla lejn rapportar elettroniku u flussi ta' ħidma parzjalment awtomatizzati — implimentati mill-ERCEA u r-REA wasslu għal kisbiet fl-effiċjenza. L-EACEA kompliet tissimplifika u ttejjeb l-arranġamenti interni u tal-ġestjoni tal-programmi tagħha. Il-proċeduri tal-ħas ittejbu u ġew issimplifikati fl-INEA[10].

L-evalwazzjonijiet juru li l-aġenziji stabbilew proċessi u proċeduri xierqa u li għandhom sistemi ta' kontroll intern li jikkontribwixxu għall-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom. L-aġenziji żviluppaw livelli qawwija ta' kontroll intern (ħlief għall-EACEA li kklassifikat is-sistema ta' kontroll intern tagħha bħala parzjalment funzjonanti fl-2017 u fl-2018), inkluż l-immaniġġjar ta' riżorsi finanzjarji u umani. L-aġenziji stabbilew għadd kbir ta' mekkaniżmi ta' kontroll u rappurtar li jippermettu li jiġi mmonitorjat mill-qrib il-progress skont l-objettivi u li r-riskji għall-operazzjonijiet tagħhom jiġu evitati u mitigati b'mod f'waqtu u effikaċi.

L-evalwazzjoni tal-EACEA enfasizzat nuqqasijiet serji li ġew identifikati f'żewġ awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar il-ġestjoni tal-għotjiet — mis-sejħa sal-iffirmar tal-kuntratti u mill-monitoraġġ tal-proġett sal-pagament. Dawk in-nuqqasijiet ikkonċernaw fost affarijiet oħra t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-għażla tal-Aġenzija għal Erasmus+ u Ewropa Kreattiva. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu identifikaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni dwar l-ambjent ta' kontroll għall-għotjiet, il-proċess ta' evalwazzjoni, il-kumitati ta' evalwazzjoni u r-rwol tal-esperti, kif ukoll il-fażi kontraenti. L-Aġenzija fasslet u implimentat pjan ta' azzjoni għal kull awditu biex tindirizza l-kwistjonijiet u biddlet il-proċeduri tagħha fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-proposti. Waħda mill-azzjonijiet ewlenin meħuda mill-maniġment il-ġdid tal-Aġenzija kienet bidla organizzattiva estensiva

---

mandat li hija rċeviet mill-Kummissjoni u għandhom jiġu distinti mill-indikaturi li jkejlu r-riżultati tal-programmi nfushom.

[9] Minħabba l-proporzjon żgħir tal-impatt finanzjarju fuq il-portafoll finanzjarju kumplessiv tal-aġenziji, dawn ir-riżervi tneħħew mit-tliet aġenziji eżekuttivi minn żmien ir-Rapporti Annwali tal-Attività tal-2019.

[10] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-INEA kkonferma r-riżultati ta' mmaniġġjar tajjeb tal-INEA bis-saħħa tal-użu ta' proċeduri standardizzati.

għat-titjib u l-istrutturar aħjar tal-qafas ta' kontroll intern tal-Aġenzija. Is-sitwazzjoni issa tjiebet — is-Servizz tal-Awditjar Intern għalaq ir-rakkommandazzjonijiet relatati għall-ewwel awditu (mis-sejħa sal-iffirmar tal-kuntratti). Bħala konsegwenza, ir-riżerva li ddaħħlet mill-Aġenzija minħabba dawk id-dgħjufijiet ta' kontroll intern tneħħew sa mir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2019. Fil-każ tat-tieni awditu (mill-monitoraġġ tal-proġett sal-pagament), huwa mistenni li jkun hemm l-għeluq tar-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha mis-Servizz tal-Awditjar Intern sa nofs l-2020. Il-Kummissjoni u b'mod partikolari d-DĠs li minnhom tiddependi l-EACEA segwew mill-qrib kif ġew implimentati l-azzjonijiet biex jissaħħu l-kontrolli interni permezz ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni kkjarifikati u msaħħa.

## 2. Programm wieħed tal-UE mmaniġġjat minn diversi aġenziji — kif għandha tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti b'mod ġenerali

Fil-perjodu ta' wara l-2014, il-programm ta' riċerka Orizzont 2020 jiġi implimentat minn diversi aġenziji eżekuttivi. Orizzont 2020 huwa l-akbar programm li ġie ddelegat lill-aġenziji eżekuttivi f'termini ta' allokazzjoni finanzjarja. Fl-2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiddelega fergħat differenti ta' Orizzont 2020 lil erba' aġenziji differenti — l-REA, l-ERCEA, l-INEA u l-EASME. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti ta' Orizzont 2020, fl-2014 inħoloq iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (li issa ngħata l-isem ta' Ċentru ta' Implimentazzjoni Komuni) u huwa ospitat minn dipartiment tal-Kummissjoni (id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni). Dan għandu l-għan li jipprovdi lid-diversi DĠ tal-Kummissjoni, lill-aġenziji eżekuttivi u lill-impriżi konġunti li jittrattaw il-programm appoġġ komuni għal proċessi kummerċjali marbuta mal-ġestjoni tal-għotjiet, it-teknoloġija tal-informazzjoni, is-servizzi ta' awditjar, dawk tal-ġestjoni tad-*data* u dawk legali.

Filwaqt li l-ħtieġa għal approċċ aktar standardizzat fil-familja tar-riċerka kollha ġiet rikonoxxuta b'mod ġenerali mill-erba' aġenziji eżekuttivi kkonċernati, dan kien ta' sfida għall-ERCEA minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka. L-Aġenzija wriet flessibbiltà fir-rigward ta' kif uħud mill-aspetti aktar differenzjati tax-xogħol tagħha jistgħu jiġu integrati f'approċċ komuni. Dawn inkludew: għotjiet benefiċjarji uniċi pjuttost milli għall-istituzzjonijiet biss; id-differenzi fl-għażla u fil-ġestjoni tal-esperti; ir-rekwiżit li taqdi lill-Kunsill Xjentifiku u d-differenzi li jirriżultaw f'termini ta' rappurtar u segwitu ta' proġetti. Filwaqt li tfaċċaw restrizzjonijiet fir-rigward ta' kemm iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni seta' jiżviluppa malajr għodod ġodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex jappoġġja l-introduzzjoni ta' strumenti ġodda, dan ġie vvalutat bħala risponsiv għall-indirizzar ta' ħtiġijiet speċifiċi.

L-REA ngħatat ukoll il-mandat biex tipprovdi servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku lill-entitajiet kollha involuti fl-immaniġġjar ta' Orizzont 2020. L-evalwazzjoni osservat li l-estensjoni tal-mandat tal-REA biex tinkludi l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku komuni għall-familja tar-riċerka u l-innovazzjoni saħħet il-konsistenza, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' approċċ komuni f'Orizzont 2020. L-REA ngħatat ukoll mandat biex tipprovdi servizzi ta' validazzjoni lill-parteċipanti, mhux biss għal Orizzont 2020 iżda wkoll għal varjetà wiesgħa ta' programmi: Erasmus+, Ewropa Kreattiva, Ewropa għaċ-Ċittadini, Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, Kompetittività tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (COSME), il-Programmi tas-Saħħa u l-Konsumatur, Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u l-Programm Ġustizzja u l-fond għall-għoti ta' informazzjoni u miżuri ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern f'pajjiżi terzi.

Mill-1 ta' Jannar 2018, bħala parti mill-iSpazju Uniku ta' Skambju Elettroniku tad-*Data* (SEDIA), il-Kummissjoni ċċentralizzat fl-REA l-validazzjoni legali ta' partijiet terzi u t-tħejjija ta' valutazzjonijiet tal-kapaċità finanzjarja għad-dipartimenti u l-aġenziji eżekuttivi kollha tal-Kummissjoni li jimplimentaw għotjiet u akkwisti. L-REA tat servizz ta' kwalità għoli u effettiv lill-klijenti tagħha u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra fejn jidħlu l-ġestjoni u l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ ċentrali. Din kisbet jew qabżet il-miri stabbiliti fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha. L-Aġenzija laħħqet tajjeb maż-żieda fl-ammont ta' xogħol wara l-espansjoni tal-mandat tagħha għall-SEDIA. B'mod

ġenerali, dawn l-iżviluppi juru li l-REA qed issir dejjem aktar fornitur ċentrali ta' servizzi ta' appoġġ lid-dipartimenti tal-Kummissjoni u lill-aġenziji eżekuttivi.

## 3. Aġenzija waħda li tmexxi diversi programmi tal-UE — kif għandha tiġi indirizzata d-diversità

L-evalwazzjonijiet urew li l-ħidma b'għadd relattivament għoli ta' oqsma tematiċi u kompiti diversi tista' tkun ta' sfida għall-effettività tal-aġenziji. Pereżempju, il-wisa' ta' attivitajiet iddelegati lill-EACEA (Erasmus +; Ewropa Kreattiva, l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Korpi Ewropej ta' Solidarjetà u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE) ifisser li l-Aġenzija kellha quddiemha firxa wiesa' ta' azzjonijiet f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni u skala. Is-CHAFEA timmaniġġja programmi fl-oqsma tal-konsumaturi, is-saħħa, l-agrikoltura, u s-sikurezza tal-ikel. Il-kompiti tagħha jinkludu l-akkwist, il-ġestjoni tal-għotjiet u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti politiċi. Din id-diversità ta' programmi u kompiti wasslet biex l-unitajiet differenti fis-CHAFEA jiġu organizzati b'modi pjuttost diverġenti. Dan wassal għal ambjent tax-xogħol kumpless b'possibilitajiet limitati ta' sinerġiji.

L-EASME tmexxi portafoll wiesa' ta' programmi li jkopru l-COSME, l-Orizzont 2020, il-programm għall-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). Għalkemm il-prestazzjoni tal-Aġenzija ġiet ivvalutata b'mod ġenerali bħala effettiva, portafoll varjat irriżulta wassal għal ammont kbir ta' xogħol u l-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni ma' għadd kbir ta' DĠs li tiddependi minnhom. B'riżultat ta' dan, l-immaniġġjar ta' sejħiet ġodda u ta' attivitajiet sussegwenti kien aktar kumpless.

Fl-INEA, l-evalwazzjoni identifikat diffikultajiet marbuta mad-diversità tal-portafoll: pereżempju ppjanar aħjar fir-rigward tas-sejħiet bejn it-tliet setturi — it-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni — tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) matul it-tħejjija tal-programmi ta' ħidma ssemma bħala kisba potenzjali fl-effiċjenza.

Il-portafolli tal-programm tal-aġenziji ġew ivvalutati bħala koerenti anke jekk kienu mistennija aktar kisbiet ta' sinerġija. Fl-2016 taħt l-FNE, il-Kummissjoni u l-INEA nedew sejħa biex jinstabu proġetti ta' sinerġija fl-oqsma tal-enerġija u t-trasport. Din is-sejħa konġunta ma rnexxietx kompletament, billi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà skont ir-Regolament tal-FNE kienu restrittivi wisq. Kienu mistennija wkoll sinerġiji bejn l-FNE u l-fergħat tat-trasport u l-enerġija ta' Orizzont 2020 iżda l-aktar minħabba perjodi ta' żmien differenti (ir-riċerka tieħu ż-żmien biex tiġi żviluppata fi proġetti tal-infrastruttura) kien hemm inqas sinerġiji milli kien mistenni[11].

Fil-każ tal-EASME, l-evalwazzjoni rrappurtat li hemm potenzjal kbir għal sinerġiji bejn id-diversi programmi mmexxija mill-Aġenzija minħabba l-affinitajiet tematiċi tagħhom. Minkejja l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija b'dipartimenti li jmexxu diversi programmi u li jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejn programmi differenti, l-evalwazzjoni żvelat li teżisti t-tendenza ta' ħidma kompartimentalizzata. Dan kien minħabba għanijiet u proċeduri differenti li għamluha diffiċli biex jiġu sfruttati s-sinerġiji. Min-naħa l-oħra, in-Netwerk Enterprise Europe li ntuża kemm għall-istrument Orizzont 2020 għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll għall-programm COSME ġie identifikat bħala eżempju tajjeb ta' sinerġija. L-inklużjoni ta' LIFE u Orizzont 2020 fil-portafoll ta' aġenzija unika ppermettiet ukoll sinerġiji addizzjonali bejn il-proġetti fejn jidħlu s-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

F'xi każijiet, għandhom jittejbu wkoll is-sinerġiji billi jintużaw għodod u proċessi simili tat-teknoloġija tal-informazzjoni, pereżempju fis-CHAFEA u l-INEA. Il-linja tat-telekomunikazzjonijiet tal-FNE għandha tipi u għadd differenti ta' benefiċjarji minn dawk taż-żewġ linji l-oħra tal-FNE li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni għas-sinerġiji. Fl-EASME, kien hemm tentattivi biex jiġu armonizzati l-proċeduri u l-mudelli bejn il-programmi differenti. L-applikazzjoni tal-approċċ komuni u

[11] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-INEA kkonferma li l-potenzjal għal sinerġiji ulterjuri bejn il-FNE u Orizzont 2020 u fost id-diversi linji tal-FNE għadu ma mmaterjalizzax għal kollox.

tal-għodod komuni ta' Orizzont 2020 għal programmi oħra bdiet b'xi suċċess fl-INEA bl-FNE u fl-EASME bil-FEMS u l-COSME u b'kisbiet limitati fis-CHAFEA. L-applikazzjoni tagħhom għal LIFE fl-EASME għadha kemm bdiet u għad m'hemmx kejl disponibbli.

Id-diversità tal-oqsma tematiċi tirrifletti l-għadd ikbar ta' DĠs prinċipali. Dan għandu konsegwenzi fuq il-governanza tal-aġenziji individwali iżda anke fuq il-kollaborazzjoni prattika bejn l-aġenziji u d-DĠ.

## 4. Ir-relazzjoni mad-DĠs prinċipali — l-isfida biex jaħdmu flimkien

Ir-Regolament Qafas[12] jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-aġenziji eżekuttivi kollha. Kull aġenzija tiġi stabbilita permezz ta' deċiżjoni individwali tal-Kummissjoni (l-att ta' stabbiliment) u jiġu ddelegati programmi permezz ta' atti ta' delega li jidentifikaw id-DĠ li minnhom jiddependu. Memorandum ta' qbil bejn kull aġenzija u d-DĠ(s) li minnu(hom) tiddependi jistabbilixxi dispożizzjonijiet flessibbli biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komunikazzjoni ġenerali tal-politika bejn l-aġenzija u d-DĠ li minnu tiddependi, bil-għan li jiġu evitati duplikazzjoni u l-mikrommaniġġjar. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll aktar gwida fejn jidħlu l-linji gwida dwar l-aġenziji eżekuttivi[13].
B'mod ġenerali, ma kienet identifikata l-ebda evidenza ta' duplikazzjoni, koinċidenzi jew inkonsistenzi bejn l-aġenziji u d-DĠs li minnhom jiddependu. Instab li b'mod ġenerali d-delimitazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-aġenziji u d-DĠs li minnhom jiddependu kienet ċara. L-evalwazzjonijiet sabu l-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni formali u informali bejn l-aġenziji u l-Kummissjoni frekwenti u effettivi biżżejjed biex jiġi żgurat li d-DĠs li minnhom jiddependu l-aġenziji jinżammu informati dwar il-prestazzjoni tal-aġenziji u s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE. Is-sekondar ta' uffiċjali tal-Kummissjoni biex jokkupaw pożizzjonijiet maniġerjali fl-aġenziji kif ukoll proporzjon sinifikanti ta' persunal b'esperjenza preċedenti fid-dipartimenti tal-Kummissjoni ssemmew ukoll bħala assi, billi jipprovdu lill-aġenziji grad għoli ta' għarfien espert u kompetenzi fir-rigward tal-programmi u l-politiki tad-DĠs li minnhom jiddependu l-aġenziji (b'mod partikolari fil-perjodu tranżitorju). Dan għen ukoll biex tiġi promossa relazzjoni aktar mill-qrib bejn iż-żewġ naħat.

F'għadd limitat ta' każijiet, ġiet irrappurtata evidenza ta' xi duplikazzjoni tax-xogħol u ta' mikrommaniġġjar (CHAFEA). F'okkażjonijiet oħra, kien meħtieġ li r-rwol ta' sorveljanza tad-DĠ prinċipali jiġi kkjarifikat jew aġġornat (EACEA). Bl-istess mod, meta l-EASME kienet inkarigata bi programmi ġodda li preċedentement kienu mmexxija mill-Kummissjoni, u meta pereżempju l-persunal tal-Kummissjoni ġie rreklutat fl-EASME, f'xi każijiet it-tqassim tal-kompiti bejn l-Aġenzija u d-DĠ li minnu tiddependi ma kienx ċar. F'xi każijiet, l-evalwazzjonijiet issuġġerixxew li l-memorandums ta' qbil u l-linji gwida dwar l-aġenziji eżekuttivi jistgħu jittejbu f'xi każijiet billi jiġi ddefinit aħjar ir-rwol tad-DĠ prinċipali fil-governanza u t-tqassim tal-kompiti bejn l-aġenzija u d-DĠ prinċipali. Fl-2019-2020, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni analizza wkoll is-sitwazzjoni preżenti għar-rigward tal-governanza u s-superviżjoni tal-aġenziji eżekuttivi. Abbażi ta' din l-analiżi, huwa identifika ċertu każi ta' prassi tajba jew inkella pariri (pereż. definizzjoni aktar ċara ta' x'inhi superviżjoni, ir-rwol tad-DĠ li minnu tkun prinċipalment tiddependi l-aġenzija, gwida dwar is-superviżjoni tal-kontroll intern u r-rappurtar, eċċ) li s-servizzi tal-Kummissjoni se jieħdu f'kunsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jirrevedu l-qafas ta' superviżjoni tal-aġenziji eżekuttivi.

Id-distanza wkoll tqieset bħala ostakolu kontra r-relazzjoni tajba bejn l-aġenziji u d-DĠs prinċipali. Għas-CHAFEA, id-distanza bejn l-Aġenzija fil-Lussemburgu u xi wħud mid-DĠs li minnhom tiddependi, ibbażati fi Brussell, ġiet ippreżentata bħala raġuni għal xi diffikultajiet bejn l-Aġenzija u d-dipartimenti tal-Kummissjoni. L-evalwazzjoni tal-EACEA wriet li r-rilokazzjoni tal-Aġenzija fi

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, is-16 ta' Jannar 2003, paġna 1).
[13] Linji gwida għat-twaqqif u t-tħaddim tal-aġenziji eżekuttivi ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni (C(2014)9109).

Brussell qrib il-bini tad-DĠs li minnhom tiddependi għenet biex ikun hemm djalogu u tejbet il-kollaborazzjoni bejniethom.

Il-komunikazzjoni bejn l-aġenziji u d-dipartimenti tal-Kummissjoni hija essenzjali: ġew adottati diversi miżuri formali (laqgħat tal-Kumitati ta' Tmexxija) jew miżuri informali (laqgħat regolari bejn unità tal-Kummissjoni u l-unità tal-kuntatt tagħha fl-aġenzija jew aċċess dirett għal bażijiet tad-*data*) biex jiġu ffaċilitati l-komunikazzjoni effettiva u l-kuntatt dirett bejn l-aġenzija u d-DĠ prinċipali. Il-komunikazzjoni hija partikolarment importanti f'sitwazzjonijiet fejn l-aġenziji għandhom jirrapportaw dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-programm.

Wieħed mill-għanijiet li jitwaqqfu l-aġenziji eżekuttivi kien li jippermettu lill-Kummissjoni tiffoka primarjament fuq il-kompiti ewlenin tagħha. L-evalwazzjonijiet ikkonfermaw li l-eżistenza tal-aġenziji eżekuttivi u r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-programmi ppermettew lill-Kummissjoni tikkonċentra fuq it-tfassil tal-politiki. Barra minn hekk, it-tfassil tal-politika jiddependi parzjalment fuq ir-reazzjoni li jkun hemm għall-programmi u l-implimentazzjoni tal-proġetti. L-aġenziji eżekuttivi jaqdu rwol ewlieni fil-ġbir ta' din l-informazzjoni fuq il-post u biex jittrasformawha f'reazzjoni ta' politika meħtieġa mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. L-evalwazzjonijiet urew li s-sitt aġenziji eżekuttivi kollha jipprovdu lill-Kummissjoni reazzjoni ta' politika, xi kultant diġà jagħmlu dan b'mod estensiv fejn jidħlu suġġetti speċifiċi.
L-aġenziji jipprovdu reazzjoni ta' politika permezz ta' mezzi differenti: laqgħat, rapporti, briefings jew kondiviżjoni tad-*data*. L-appoġġ ta' politika jista' jingħata fuq bażi regolari jew bħala rispons għal talbiet speċifiċi mid-DĠ prinċipali. L-REA żviluppat mekkaniżmu ta' reazzjoni għall-politika komprensiv u strutturat, ħolqot task force għall-monitoraġġ u għat-reazzjoni ta' politika għall-proġetti u pproduċiet katalgu ta' għażliet biex jassistu lid-DĠ prinċipali tagħhom biex jifformulaw aħjar il-ħtiġijiet tagħhom ta' appoġġ għall-politika. Ġew organizzati inizjattivi speċifiċi biex tissaħħaħ ir-rilevanza tar-reazzjonijiet ta' politika, bħal ma huma avvenimenti b'analiżi tat-tagħlimiet miksuba u tar-riżultati tar-riċerka fost gruppi tematiċi ta' proġetti u t-twaqqif ta' netwerk tal-persunal. L-REA imxiet fuq din il-materja billi żviluppat pjani annwali ta' reazzjoni ta' politika, imfassla skont il-partijiet tal-programmi delegati li jkunu maqbula bejn l-Aġenzija u d-DĠ li minnu tiddependi. F'Lulju 2016, l-EACEA adottat strateġija għall-immaniġġjar tal-għarfien. Dan kien segwit minn immappjar tal-prattiki rilevanti li kienu jeżistu f'unitajiet differenti fl-Aġenzija, minn eżami tal-potenzjal għal titjib, u minn definizzjoni ta' dak li huwa meħtieġ biex dan il-potenzjal jiġi realizzat. Ġew proposti wkoll xi indikaturi għall-kejl tal-appoġġ għall-politika. L-INEA ppreżentat b'mod regolari rapporti dwar il-pajjiżi lid-DĠ li minnu tiddependi b'dettalji dwar il-proġetti li huma appoġġjati mill-programm tal-FNE kif ukoll rapporti għal kull proġett ta' trasport li jkopri diversi pajjiżi (kurituri tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport). Is-CHAFEA ikkondividiet id-database ta' monitoraġġ tagħha mad-DĠs li tiddependi minnhom. L-ERCEA pprovdiet feedback utli lid-dipartimenti tal-Kummissjoni permezz ta' briefings u analiżi tad-*data*. Kien hemm it-tendenza li dan isir b'rispons għal talbiet speċifiċi ta' appoġġ sabiex tingħata informazzjoni u/jew analiżi dwar suġġetti ta' politika partikolari, bħat-tibdil fil-klima, l-intelliġenza artifiċjali u l-frekwenzi tal-gravità. Ir-reazzjonijiet għall-politika tal-EASME dwar l-effiċjenza fl-enerġija tqiesu bħala prattika tajba minħabba l-kontenut (l-informazzjoni pprovduta mill-EASME kienet immirata sew, ta' kwalità għolja, u dejjem utli ħafna) u t-tempestività tagħhom.

Madankollu, l-evalwazzjonijiet urew li minkejja dawn il-prattiki tajba, ir-reazzjonijiet għall-politika mill-aġenziji eżekuttivi għandhom it-tendenza li ma jkunx standardizzati u li jiġu żviluppati b'mod ad hoc. Hemm bżonn ta' rikonoxximent usa' u ta' sensibilizzazzjoni aħjar bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni dwar ir-reazzjonijiet ta' politika offruti mill-aġenziji. Jeħtieġ li jkun hemm qbil ulterjuri dwar id-definizzjoni tal-kontenut, in-natura, il-kwantità u r-regolarità ta' dawn ir-reazzjonijiet ta' politika bejn l-aġenziji u l-Kummissjoni. L-evalwazzjoni enfasizzat li waħda mill-isfidi ewlenin għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss hija l-ħtieġa li l-aġenziji u l-Kummissjoni jaħdmu aktar mill-qrib flimkien u jaqblu dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

Eżempju wieħed ta' tali approċċ jirriżulta miċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni għal Orizzont 2020. Iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni beda l-proċess li jiddefinixxi r-reazzjonijiet ta' politika bħala proċess ta'

ħidma mal-aġenziji eżekuttivi li jittrattaw Orizzont 2020. Dan se jirrikjedi input kemm mid-DĠs li minnhom jiddependu l-aġenziji — biex jiġu ddefiniti u fformulati aħjar il-ħtiġijiet tagħhom ta' estrazzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-politika — kif ukoll mill-aġenziji eżekuttivi — biex jiġi ddeterminat liema informazzjoni tkun tista' tiġi pprovduta b'mod utli.

Fl-2019-2020, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni analizza l-mod kif jipprovdu r-reazzjoni ta' politika l-aġenziji eżekuttivi u l-impriżi konġunti li qegħdin jimplimentaw Orizzont 2020. Abbażi ta' din l-analiżi, huwa identifika għadd ta' prassi li jistgħu jitqiesu bħala l-aħjar prassi, jew pariri, li jkunu jistgħu jiġu implimentati fit-tfassil fil-futur tal-mekkaniżmi ta' reazzjoni ta' politika: pereż. id-definizzjoni tar-reazzjoni ta' politika, id-definizzjoni tal-proċess tar-reazzjoni ta' politika, id-definizzjoni tal-ħtiġijiet ta' reazzjoni ta' politika jew il-faċilitazzjoni tar-reazzjoni ta' politika minn kull tip ta' programm (mhux biss dawk imbuttati mill-politika iżda wkoll dawk imbuttati minn isfel għal fuq). Din l-analiżi kienet immirata b'mod speċifiku lejn Orizzont 2020 iżda jenħtieġ li tiġi estiża għall-immaniġġjar ta' programmi oħra tal-UE.

## 5. Qrubija lejn il-benefiċjarji — punti uniċi ta' kuntatt iddedikati biex isir sforz kostanti għal servizz aħjar

L-aġenziji kollha laħqu l-objettivi tagħhom fir-rigward tal-prossimità lejn il-benefiċjarji u l-viżibbiltà tal-programmi tal-UE. Is-sitt aġenziji kollha bbenefikaw minn rati għolja ta' sodisfazzjon fost il-benefiċjarji ta' programmi mmexxija mill-aġenziji: 76 % għall-EASME, 80 % għas-CHAFEA, 86 % għall-REA, 87 % għall-INEA, 89 % għall-EACEA u l-ERCEA. Xi aġenziji — l-REA, l-EACEA u s-CHAFEA — jagħmlu wkoll użu minn esperti indipendenti u esterni biex jevalwaw il-proposti. Is-sodisfazzjon ta' dawk l-esperti bis-servizzi pprovduti mill-aġenziji huwa wkoll għoli ħafna. Ir-rati ta' sodisfazzjon fost applikanti li ma kellhomx suċċess huma naturalment aktar baxxi. Is-CHAFEA tkejjel ukoll rata ta' sodisfazzjon għall-forniturі tas-servizzi minħabba l-attivitajiet ta' akkwist tagħha. Is-sodisfazzjon relattivament baxx (58 %) fost il-forniturі tas-servizzi huwa marbut kemm man-natura ta' dan l-istrument finanzjarju kif ukoll ma' ċerti aspetti tal-kwalità tas-servizz mogħti mis-CHAFEA, pereżempju t-tempestività tal-proċess tal-applikazzjoni, ir-reazzjoni dwar il-proposta, il-proċedura tan-negozjar tal-kuntratt u aspetti oħra tas-servizz tal-Aġenzija.

Fl-istħarriġ li sar fid-diversi evalwazzjonijiet, il-benefiċjarji faħħru għadd ta' simplifikazzjonijiet (CHAFEA), l-istandard għoli għall-professjonaliżmu (INEA), l-attitudni orjentata lejn is-servizz (EAMS), il-kompetenza qawwija tal-persunal (EACEA), proċeduri effiċjenti (INEA), il-proċeduri mtejba u ssimplifikati għall-ħlasijiet (INEA).

Il-benefiċjarji u l-applikanti li ma kellhomx suċċess identifikaw ukoll oqsma għal titjib. Fost affarijiet oħra ta' min isemmi: komunikazzjoni u feedback aħjar (INEA); aktar konsolidazzjoni ta' proċessi relatati mal-għażla ta' esperti indipendenti, il-validazzjoni tal-listi ta' esperti u l-parteċipazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni fl-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-proġetti (l-REA); il-funzjonalità tal-għodod tal-IT eżistenti u l-użu faċli tagħhom (l-REA, is-CHAFEA, l-EACEA, l-INEA); attivitajiet ta' komunikazzjoni esterna (l-EACEA); iż-żmien biex tingħata risposta għall-offerti (l-EASME); jew il-proċess tal-analiżi u l-monitoraġġ tal-etika (l-ERCEA).

L-aġenziji implimentaw diversi azzjonijiet biex iżidu l-viżibbiltà tal-programm. Dawn kienu jinkludu jiem ta' informazzjoni, workshops għall-ġestjoni tal-proġetti, użu proattiv ta' għodod tal-midja soċjali u materjali grafiċi u ta' komunikazzjoni ta' kwalità tajba. L-aġenziji tejbu s-siti web tagħhom billi pprovdew materjali rilevanti relatati mal-programmi bħal informazzjoni dwar proġetti, fuljetti, mapep u statistika. Id-diversi mezzi ta' komunikazzjoni li ntużaw mill-aġenziji rriżultaw f'viżibbiltà aħjar tal-programmi.

## 6. Iffrankar u simplifikazzjonijiet sinifikanti miksuba — sforz kostanti għal aktar kosteffettività

L-evalwazzjonijiet urew differenzi sostanzjali fil-kostijiet tal-immaniġġjar tal-programm tal-aġenziji eżekuttivi. L-aġenziji eżekuttivi li jimplimentaw Orizzont 2020 instabu li kienu aktar kosteffettivi mill-EACEA u mis-CHAFEA. Il-valuri tal-kostijiet tal-immaniġġjar tal-programm f'dan il-grupp ta' aġenziji (il-proporzjon bejn il-baġits amministrattivi u operattivi tagħhom għall-ħlasijiet) kienu aktar baxxi mill-medja ta' 4.72 % għall-aġenziji kollha, filwaqt li jvarjaw fl-2016 minn 0.89 % (l-INEA) għal 3.61% (l-REA inkluż il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku komuni[14]). B'kuntrast ma' dan, il-kostijiet tal-ġestjoni tal-programmi tas-CHAFEA għall-2016 kienu ta' 10.11%, filwaqt li dawk tal-EACEA kienu ta' 7.20 %. Dawn iż-żewġ aġenziji eżekuttivi għandhom ukoll l-aktar valuri baxxi għall-baġit kull ras, li fl-2016 kienu jammontaw għal EUR 1.46 miljun fl-EACEA u għal EUR 1.37 miljun fis-CHAFEA (meta mqabbla mal-medja għall-aġenziji kollha ta' EUR 3.65 miljun). Fil-każ tal-EACEA dan huwa relatat l-aktar mal-kumplessità u mad-diversità tal-portafoll tal-programmi tagħha, in-natura diversa tal-applikanti u l-benefiċjarji tagħha, il-volum għoli ta' applikazzjonijiet u għotjiet, kif ukoll id-daqs żgħir medju tagħhom. Fis-CHAFEA, dan huwa relatat mad-diversità tal-portafoll tal-programmi tagħha, mad-daqs żgħir tal-Aġenzija u mal-kost medju ogħla tal-persunal minħabba l-livell għoli ta' għarfien espert tiegħu u l-post fejn tinsab l-Aġenzija.





*Tabella: Il-kost tal-immaniġġjar tal-programmi u l-baġit kull ras*
*Sors: Evalwazzjonijiet triennali tal-aġenziji eżekuttivi*

L-analiżijiet retrospettivi tal-kostijiet u l-benefiċċji għall-aġenziji eżekuttivi wrew li fil-każijiet kollha x-xenarju tal-aġenzija eżekuttiva kien soluzzjoni kosteffettiva meta mqabbel ma' xenarju intern, li fih il-Kummissjoni timplimenta l-programmi. Fit-tabella ta' hawn taħt, l-iffrankar attwali jitqabbel maż-żewġ gruppi ta' stimi li tfasslu fl-2013. L-ewwel grupp ġie pprovdut mill-kuntrattur estern li wettaq l-analiżi ex ante tal-kosti u l-benefiċċji qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddelega l-programmi tal-2014-2020 lil aġenziji eżekuttivi[15]. It-tieni wieħed ġie stabbilit fir-Rapporti Finanzjarji Speċifiċi[16] mill-

[14] Bl-esklużjoni tal-provvista ta' servizzi komuni ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku, il-proporzjon tal-REA bejn il-baġit amministrattiv u operattiv huwa ta' 2.58 %.
[15] Analiżi tal-kosti u l-benefiċċji tad-delega lill-aġenziji eżekuttivi ta' ċerti kompiti marbutin mal-implimentazzjoni ta' Programmi tal-Unjoni 2014-2020 — Ir-Rapport Finali lill-Kummissjoni tad-19 ta' Awwissu 2013.
[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(2013) 493 u l-aħħar emendi tar-Rapporti Finanzjarji Speċifiċi li jakkumpanjaw l-atti ta' twaqqif tal-aġenziji eżekuttivi, kif ġej: C(2017)4900 tal-14 ta' Lulju 2017 għar-REA;

Kummissjoni għal kull waħda mill-aġenziji eżekuttivi, billi tqiesu s-sinerġiji ulterjuri li għandhom jinkisbu (huwa mistenni ffrankar ogħla).





*Tabella: Iffrankar matul il-perjodu ta' evalwazzjoni triannwali stmat vs dak attwali, miljuni ta' EUR*
*Sors: Evalwazzjonijiet triennali tal-aġenziji eżekuttivi*[17]

Ir-riżultati tas-sitt analiżijiet juru li l-iffrankar miksub huwa differenti mill-istimi tal-2013. Il-maġġoranza tal-aġenziji eżekuttivi (bl-eċċezzjoni tas-CHAFEA) qabżu b'ħafna l-istimi inizjali tal-iffrankar tal-kost. L-EASME u l-REA kisbu ffrankar ferm ogħla mill-aspettattivi inizjali, segwiti mill-ERCEA, mill-EACEA u mill-INEA[18]. Is-CHAFEA kisbet iffrankar ferm anqas milli kien stmat fil-bidu (EUR 0,4 miljun meta mqabbel ma' EUR 4,4 miljun għall-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-2013 u EUR 2,3 miljun għall-istimi tar-Rapport Finanzjarju Speċifiku).

Ir-rapporti jidentifikaw għadd ta' raġunijiet għall-iffrankar li kienu komuni għall-biċċa l-kbira tal-aġenziji eżekuttivi. L-iffrankar irriżulta primarjament minn sehem ogħla ta' persunal b'kost aktar baxx (aġenti kuntrattwali) impjegati fi ħdan l-aġenziji eżekuttivi, li jikkonferma s-sejbiet tal-analiżi ex ante tal-kostijiet u l-benefiċċji. Kien hemm ukoll iffrankar sinifikanti fuq in-nefqa għall-infrastruttura u l-ispejjeż operattivi (l-INEA, l-EASME, l-REA). Raġuni oħra għall-iffrankar kienet li fil-fatt ġie impjegat inqas persunal fl-aġenziji meta mqabbel mal-previżjonijiet tal-2013. Dan l-għadd aktar baxx ta' persunal huwa dovut għal tnaqqis fl-għadd tal-persunal fir-Rapporti Finanzjarji Speċifiċi meta mqabbla mal-analiżijiet ex ante tal-kostijiet u l-benefiċċji u mar-rati għolja ta' postijiet vakanti fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni (2014-2015).

Fl-aħħar nett, fattur komuni għall-aġenziji kollha matul il-perjodu ta' evalwazzjoni huwa li qegħdin jieħdu b'mod kostanti miżuri operattivi biex itejbu aktar l-effiċjenza tagħhom. B'mod partikolari l-aġenziji, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, komplew itejbu l-proċeduri u l-funzjonijiet tal-

C(2013)801 tat-23 ta' Diċembru 2013 għall-INEA; C(2013)9048 tas-17 ta' Diċembru 2013 għall-ERCEA; C(2014)6944 tat-2 ta' Ottubru 2014 għall-EASME; C(2018)1716 tat-13 ta' Novembru 2018 għall-EACEA u C(2014)927 tas-17 ta'Diċembru 2014 għal CHAFEA.

[17] Il-mandat tal-REA nbidel sostanzjalment mill-bidu tal-perjodu ta' evalwazzjoni, u għalhekk kwalunkwe tqabbil tal-istimi inizjali tas-CBA mal-istimi tal-SFS u ċ-ċifri attwali għandhom jitqiesu bir-reqqa, minħabba l-bidla fil-kompiti u l-livell tal-ammont ta' xogħol. Din il-grafika turi l-iffrankar tal-aġenziji kollha bil-għan li jkun jista' jsir tqabbil bejniethom.

[18] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-INEA kkonferma wkoll il-kosti amministrattivi aktar baxxi (għalhekk il-kost għar-riżorsi umani).

immaniġġjar tal-programmi tagħhom u introduċew għadd ta' simplifikazzjonijiet. Il-proċeduri saru dejjem aktar immaniġġjati b'mod elettroniku (flussi ta' xogħol mingħajr karti, sottomissjoni elettronika ta' proposti, funzjonijiet ta' kontroll awtomatiku integrati fil-formoli elettroniċi, awtomatizzazzjoni ta' rapporti ta' proġetti għall-benefiċjarji, eċċ.) u saru disponibbli għodod ġodda tal-IT għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri. Fl-erba' aġenziji eżekuttivi li jmexxu Orizzont 2020, it-titjib u s-simplifikazzjonijiet kienu jinkludu: użu usa' ta' evalwazzjoni mill-bogħod tal-proposti; l-introduzzjoni ta' ġabra unika ta' regoli; iffirmar elettroniku tal-ftehimiet ta' għotja; il-Portal għall-Parteċipanti bħala punt uniku ta' kuntatt għall-interazzjonijiet mal-parteċipanti; rata unika ta' rimborż; kif ukoll rata fissa għall-kosti indiretti.

Madankollu, ir-rapporti wrew li fil-każijiet kollha n-nefqa tal-persunal żdiedet aktar mill-istimi inizjali fl-2013 għall-perjodu ta' evalwazzjoni. Dan kien dovut parzjalment għall-ħtieġa tal-aġenziji li jattiraw u jimpjegaw aktar persunal speċjalizzat (u b'hekk b'kost ogħla) milli kien previst fil-bidu. Raġuni oħra hija li l-kostijiet tan-nefqa tal-persunal stmati fir-Rapporti Finanzjarji Speċifiċi ma qisux l-indiċjar tas-salarji, il-promozzjonijiet u ż-żieda fl-anzjanità tal-persunal. Għas-CHAFEA, in-nefqa fuq il-persunal kienet affettwata wkoll mill-ħtieġa li jiġi impjegat persunal fi gruppi b'funzjoni ogħla biex tiġi sostnuta l-attrattività tal-post fejn tinsab l-aġenzija fil-Lussemburgu. Dawn huma xi whud mit-tagħlimiet li għandhom jinkisbu u jitqiesu f'riflessjonijiet qabel ma jsiru delegi futuri lill-aġenziji biex jiġu implimentati l-programmi tal-UE 2021-2027.

## 7. Ġestjoni tar-Riżorsi Umani — riżultati pożittivi iżda hemm sfidi futuri

Il-livell ta' persunal fl-aġenziji eżekuttivi huwa stipulat fil-baġit tal-UE u kull programm iddelegat lil aġenzija jiġġenera għadd korrispondenti ta' persunal. Din ir-rabta bejn il-programm u l-għadd ta' persunal toħloq xi riġidità li żammet lura lill-aġenziji milli jużaw il-persunal tagħhom b'mod flessibbli biex ilaħħqu mal-eqqel perjodi ta' xogħol[19]. Madankollu, matul il-perjodu li ġie vvalutat xi aġenziji esperjenzaw prattiki tajba tal-assenjar mill-ġdid dinamiku tal-persunal fl-istess aġenzija, fil-limiti tar-regoli applikabbli.

Il-maġġoranza l-kbira tal-persunal tal-aġenziji huwa allokat għall-implimentazzjoni tal-programmi u madwar 10 % biss għall-funzjonijiet ta' appoġġ — ċifra aktar baxxa minn dik tal-Kummissjoni[20]. Minħabba l-kompitu tagħhom li jimplimentaw parti kbira mill-baġit tal-UE, madwar 25 % tal-persunal tal-aġenziji jaħdmu fil-qasam finanzjarju, meta mqabbel ma' 9 % tal-persunal tal-Kummissjoni. Dawn iċ-ċifri jidhru li juru li l-attenzjoni tal-aġenziji lejn l-immaniġġjar operattiv tal-programmi u tal-kompiti finanzjarji relatati hija riflessa b'mod adegwat fir-rwoli organizzattivi tal-persunal tagħhom.

L-istħarriġ dwar l-opinjoni tal-persunal li sar fl-2016 wera livell ta' involviment tal-persunal[21] li kien ogħla mill-medja tal-Kummissjoni għal ħamsa mis-sitt aġenziji eżekuttivi. L-EACEA l-EASME, l-ERCEA, l-INEA u l-REA kollha kellhom valuri ta' involviment tal-persunal ta' bejn 65 % u 70 %, meta mqabbla mal-medja tal-Kummissjoni ta' 64 %. Għas-CHAFEA, l-istħarriġ dwar l-opinjoni tal-persunal irrapporta livell aktar baxx ta' benesseri tal-persunal meta mqabbla ma' aġenziji eżekuttivi oħra u tnaqqis fl-involviment tal-persunal. L-evalwazzjoni tagħti bħala spjegazzjoni d-daqs żgħir u l-iżolament relattiv tal-Aġenzija minn aġenziji oħra minħabba l-post fejn tinsab fil-Lussemburgu. Dan ma ppermettiex lill-persunal tas-CHAFEA jipparteċipa bl-istess mod fis-suq tax-xogħol tas-sitt aġenziji.

[19] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-INEA identifika wkoll li hemm ħtieġa ta' aktar flessibbiltà fl-allokazzjoni tal-persunal fost il-programmi fi ħdan l-istess aġenzija.

[20] F'kunsiderazzjoni tal-impjiegi kollha fil-Kummissjoni, fl-2018 27 % tal-impjiegi ġew allokati għal rwoli ta' appoġġ u ta' koordinazzjoni amministrattivi. Dan il-perċentwal ilu relattivament stabbli mill-2012 u jirrappreżenta tajjeb ir-responsabbiltajiet u l-kompiti istituzzjonali relatati.

[21] L-involviment tal-persunal huwa indikatur aggregat. Il-lista sħiħa ta' mistoqsijiet sekondarji hija pprovduta fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-evalwazzjonijiet differenti.

B'mod ġenerali, l-istħarriġ wera li l-persunal jipperċepixxi l-aġenziji eżekuttivi bħala postijiet tax-xogħol stimolanti u dinamiċi b'komunikazzjoni interna eċċellenti u bi proċessi u proċeduri effiċjenti fis-seħħ. Il-persunal huwa wkoll tal-opinjoni li l-aġenziji jħeġġu ħidma kollaborattiva kif ukoll metodi ta' ħidma ġodda u aħjar.

Madankollu, fl-istess stħarriġ il-persunal kien inqas pożittiv dwar l-iżvilupp tal-karriera u l-opportunitajiet ta' mobbiltà tagħhom. F'erbgħa mis-sitt aġenziji, dan l-indikatur huwa aktar baxx mill-medja tal-Kummissjoni: speċjalment fl-aġenziji ż-żgħar, il-persunal isibha diffiċli biex jiċċaqlaq f'xogħol ieħor li jaqbel mal-ħiliet u l-kompetenzi tiegħu.

Abbażi ta' proċessi parteċipatorji maturi, l-aġenziji stabbilew strateġiji li għenuhom jsegwu b'mod effettiv il-kwistjonijiet ewlenin relatati mar-riżorsi umani li ġew identifikati fl-istħarriġ dwar l-opinjoni tal-persunal. Fost l-iżviluppi pożittivi, huwa importanti li tiġi enfasizzata ż-żieda fid-differenzjazzjoni tal-mezzi ta' reklutaġġ, li jinvolvu l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal għal profili aktar ġeneralisti u l-proċessi tal-aġenziji eżekuttivi stess għal ħtiġijiet speċjalizzati. Din id-differenzjazzjoni għenet biex jiġu evitati intoppi fil-proċessi ta' reklutaġġ b'mod partikolari meta kienu meħtieġa reklutaġġi fuq skala wiesgħa u mgħaġġla.

Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-opinjoni tal-2018 fost il-persunal juri li b'mod ġenerali, l-isforzi tal-aġenziji taw il-frott peress li r-riżultati fejn jidħlu l-indikaturi ewlenin komplew jitjiebu, ħlief għall-EACEA marbuta parzjalment ma' diffikultajiet fil-qasam tal-kontroll intern fl-2018. L-evalwazzjonijiet identifikaw il-ħtieġa li jinħolqu aktar sinerġiji u effiċjenza akbar fil-mod li bih jiġu ttrattati xi kwistjonijiet tar-riżorsi umani, billi jiġu żviluppati r-regoli u l-proċeduri komuni attwali. Madankollu, l-evalwazzjonijiet identifikaw sfidi li għad iridu jiġu indirizzati bħall-iżvilupp ulterjuri tal-ħiliet tal-persunal fil-qasam tar-reazzjonijiet għall-politika, kif ukoll l-investiment akbar fil-gwida u l-iżvilupp tal-karriera.

## 8. Bidla fil-mandat — mument kruċjali

Il-bidu ta' perjodu ġdid ta' programmazzjoni (bħal fl-2014 u fl-2021) huwa żmien ta' sfida għall-aġenziji. Il-mandati tagħhom jinbidlu biex jiġu fdati bil-ġestjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' programmi. Dawn għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għall-bidu tal-programmi l-ġodda filwaqt li jibqgħu jsegwu u jeżegwixxu l-ħlasijiet għall-proġetti mill-programmi preċedenti. Fl-2014, l-immaniġġjar tal-programmi l-ġodda kienet tfisser żieda fl-allokazzjoni finanzjarja li kienet tirrikjedi l-iżvilupp ta' strutturi ta' mmaniġġjar, sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u servizzi ta' appoġġ ġodda biex isostnu l-espansjoni, u biex jindirizzaw xi fażi ta' reklutaġġ estensiv ta' persunal. Dan il-perjodu tranżitorju huwa kkaratterizzat minn kumplessitajiet maniġerjali assoċjati mal-implimentazzjoni ta' żewġ settijiet differenti ta' regoli, proċessi u proċeduri. Minkejja dan l-ambjent ta' sfida, l-aġenziji tqiesu effettivi għall-bidu tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni (2014-2015), minħabba li investew riżorsi sinifikanti fis-simplifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri tagħhom għall-programmi l-ġodda. L-aġenziji l-aktar milquta kienu l-EASME u l-INEA, li l-persunal tagħhom żdied b'175 % u 147 % rispettivament bejn l-2013 u l-2016, u li l-baġit tagħhom żdied b'madwar 220% u 350 % matul l-istess perjodu. Minħabba din il-fażi inizjali intensiva, l-EASME u l-INEA ma rnexxilhomx jissodisfaw diversi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħhom[22].

Bil-mandati l-ġodda tagħhom, l-aġenziji kellhom quddiemhom portafolli aktar tematikament diversi (ara t-taqsima 3) u kienu ssorveljati minn għadd akbar ta' DĠs li minnhom jiddependu (ara t-taqsima 4). B'mod partikolari, dan kien il-każ għas-CHAFEA u l-INEA li d-DĠs li minnhom jiddependu żdiedu minn wieħed għal erbgħa u għall-EASME, li ġiet issorveljata minn seba' DĠs meta mqabbla ma' erbgħa fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. L-evalwazzjonijiet sabu wkoll li l-

[22] Iż-żmien għall-ħlas għall-programm TEN-T fl-2015 għall-INEA, l-eżekuzzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għat-TEN-T u l-Marco Polo II għall-INEA fl-2014, iż-żmien għall-għotja għal Orizzont 2020 (ħlief l-Effiċjenza fl-enerġija) fl-2014-2015, LIFE (2015 biss) u r-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (2014-2016) għall-EASME.

kollaborazzjoni bejn l-aġenziji u d-DĠs li minnhom jiddependu, li ddelegaw il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-programmi għall-ewwel darba, kellha titqawwa matul l-ewwel snin wara d-delega sabiex setgħet tinħoloq relazzjoni ta' fiduċja bejn l-aġenziji u d-DĠs li minnhom jiddependu. Dan affettwa l-governanza (ara t-taqsima 4) u l-prattiċi stabbiliti tal-aġenzija mad-DĠs li tiddependi minnhom. Għas-CHAFEA, l-INEA u l-EASME, l-aġenziji biddlu wkoll l-ismijiet u l-akronimi, li huma importanti għall-viżibbiltà u l-prossimità mal-benefiċjarji, iżda l-evalwazzjonijiet urew li tali bidliet ma kinux jidhru li kellhom impatt kbir (ara t-taqsima 5). Il-bidliet affettwaw ukoll l-istrutturi organizzattivi tal-aġenziji. L-INEA u l-EASME introduċew saff ġdid ta' tmexxija. B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet urew li l-organizzazzjoni interna tal-aġenziji kienet allinjata mill-qrib mal-kompiti fdati lilhom. L-evalwazzjonijiet tal-EACEA u tal-EASME semmew li l-istruttura ta' dawn l-aġenziji tista' tittejjeb u l-evalwazzjoni tas-CHAFEA identifikat id-daqs żgħir tagħha bħala kwistjoni relevanti, b'mod partikolari fejn tidħol il-kontinwità tan-negozju. Id-daqs relattivament żgħir tal-Aġenzija għandu konsegwenzi ovvji fuq il-kapaċità tagħha li żżomm l-għarfien u l-kontinwità tan-negozju meta l-persunal ewlieni jitlaq b'mod mhux mistenni mill-Aġenzija jew jibdel l-assenjazzjoni internament.

Il-mandati tal-REA, l-EASME, l-INEA u l-EACEA nbidlu matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Fil-każ tal-EACEA, saru diversi estensjonijiet tal-mandat matul il-perjodu analizzat. L-evalwazzjonijiet urew li l-aġenziji affettwati kienu flessibbli u effettivi biex jindirizzaw l-estensjoni tal-mandati tagħhom. L-erba' aġenziji kollha rnexxielhom ilaħħqu maż-żieda fl-ammont ta' xogħol u/jew mal-kompiti addizzjonali. Madankollu, l-evalwazzjonijiet urew li l-proċedura ta' delega (analiżi tal-kosti u l-benefiċċji, informazzjoni lill-kumitat tal-Kunsill għall-aġenziji eżekuttivi, emendi għall-atti ta' delega, eċċ.) kienet wisq kumplessa fir-rigward ta' estensjonijiet limitati tal-mandat. Fil-fatt, bħalissa m'hemm l-ebda proċedura ta' delega ssimplifikata għal estensjonijiet limitati tal-mandat matul xi perjodu ta' programmazzjoni. Dawk l-estensjonijiet limitati rriżultaw f'piż bla bżonn għad-dipartimenti tal-Kummissjoni u għall-aġenziji.

# Konklużjoni

L-evalwazzjonijiet tas-sitt aġenziji eżekuttivi kkonfermaw il-prestazzjoni tajba tagħhom u l-valur miżjud tagħhom fit-tmexxija ta' programmi tal-UE. Fl-istess ħin, dawn urew xi sfidi li l-aġenziji għadhom qed jiffaċċjaw. Xi sfidi huma komuni għall-aġenziji kollha. Waħda minnhom hija l-kwalità tar-reazzjonijiet ta' politika li l-aġenziji jagħtu lill-Kummissjoni, oħra hija l-ħtieġa li jiġu aġġornati xi aspetti tal-qafas legali (memoranda ta' qbil jew linji gwida dwar l-aġenziji eżekuttivi). Sfidi oħra huma aktar speċifiċi għall-aġenzija li jirriżultaw mid-daqs tal-aġenzija, il-post fejn tkun ibbażata, id-diversità tal-portafoll tal-programmi li timmaniġġja, jew sfidi relatati ma' kwistjonijiet ta' kontroll intern. Il-Kummissjoni u l-aġenziji qed iħejju u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati u jiffaċċjaw l-isfidi li ġejjin.

Xi wħud mit-tweġibiet għal dawk l-isfidi għandhom jiġu indirizzati wkoll bħala parti mir-riflessjonijiet dwar il-futur tal-aġenziji eżekuttivi. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi tal-UE (2021-2027) u bħalissa qiegħda tagħmel analiżi tal-kosti u l-benefiċċji biex jiġi determinat ir-rwol adegwat li għandu jkollhom l-aġenziji eżekuttivi fl-implimentazzjoni tagħhom. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-aġenziji eżekuttivi jkunu jistgħu jtejbu b'mod kontinwu l-prestazzjoni tagħhom, biex ikomplu joperaw b'mod kosteffettiv u biex isaħħu l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni. It-tagħlimiet li nkisbu minn dan il-proċess ta' evalwazzjoni komuni se jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet dwar id-delega tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi tal-UE lill-aġenziji eżekuttivi.